Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

# MINUTI TAS-SITTAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 20 ta' Marzu 2013 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.00pm | Sa | 6.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Deputat Segretarju Eżekuttiv** | Sinjorina | YANICA CALLEJA |

Is-Sindku talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex jiġi diskuss item 2 flok item 1. It-talba ġiet milqugħa.

Is-Sinjorina Emma Grech, Sindku tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ Ħ'Attard, spjegat li bħala Kunsill Lokali taż-żgħażagħ iridu iniedu proġett sabiex ikun jista' jiġi preżentat għal kompetizzjoni fejn ir-rebbieħ jingħata ċ-ċans li jatwa l-proġett preżentat sa valur massimu ta' €10,000. Għaldaqstant hi kompliet tispjega li wara li marru l-Youth Centre li jinsab fi Triq ħal Warda u tkellmu maż-żgħażagħ, għandhom idea ta' żewġ proġetti – tigi rranġata l-librerija pubblika u jsiru *sports evening classes*. Rigward il-proġett tal-librerija pubblika wara diskussjoni kemmxejn fit-tul ġie konkluż li ser ikun diffiċli li dan il-proġett jiġi attwat, minħabba l-fatt li l-premises preżenti huma żgħar ħafna u l-ħsieb hu li 'l quddiem il-librerija tiġi rilokata għal post aħjar, liema post għadu mhux magħruf. Is-Sinjorina Grech qalet li dawn il-proġetti jistgħu iwasslu għal għaqda bejn il-Kunsill Lokali u l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ. Hi kompliet tgħid li rigward il-proġett tal-isports evening classes dan jista' jinkludi sport bħal martial arts u basketball, li huma dixxiplini partikolari u li ma tantx isiru korsijiet dwarhom għalhekk għandhom jattiraw aktar l-attenzjoni.Is-Sur Marco Spiteri ġibed l-attenzjoni li dawn il-proġetti għandhom ikunu sostenibbli u mhux xi ħaġa ta' darba u daqshekk. Is-Sinjorina Grech irrispondiet li dawn jistgħu jitkomplew privatament imma l-importanti jkun ingħata exposure fuq xi ħaġa differenti mis-soltu. Is-Sur Ralph Cassar saqsa jekk minflok isiru ġo Centru partikolari, isiru fit-toroq qalb in-nies. Is-Sinjonrina Grech qalet li din il-proposta hija nteressanti u tista' tiġi kkunsidrata. Dr Messina Ferrante saqsa jekk dawn humiex ser ikunu ndirizzati għaż-żgħażagħ biss. Is-Sur Marco Spiteri qal li dawn ikunu ndirizzati għaż-żgħażagħ minħabba li qed jiġu organizzati mill-Kunsill taż-Żgħażagħ. Is-Sur Remigio Bartolo qal li bħala proġett ieħor jista' jsir DVD b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Is-Sinjorina Grech qalet li meta għamlu xi ħaġa simili kienu tnaqqsu xi punti minħabba li ma jkunx proġett indirizzat dirett għaż-żgħażagħ. Is-Sur Marco Spiteri saqsa sa meta trid tkun lesta l-applikazzjoni. Is-Sinjorina Grech qalet ukoll li sa l-1 ta' Mejju 2013 trid tkun lesta l-proposal li tkun tinkludi wkoll il-kwotazzjonijiet. Dr Herbert Messina Ferrante qal li l-importanti li jkun preżentat b'mod tajjeb u professjonali għax l-ewwel impressjoni tgħodd. Is-Sur Stefan Cordina u s-Sur Ralph Cassar qalu li l-proġett tal-isports hi l-aħjar proposta.

Jasal is-Sur Alfred Zammit (5.23pm) flimkien mal-Viċi Sindku tal- Kunsill Lokali Żgħażagħ Ħ'Attard, is-Sinjorina Jodie Saliba.

Is-Sur Marco Spiteri qal li anki jekk ma jirbħux il-kompetizzjoni, il-Kunsill xorta waħda jkun interessat, pero' issuġġerixxa li jiżdiedu aktar idejat mal-proġett bl-idea ta' reclaiming the streets sabiex ikun hemm aktar krejattivita'. Is-Sur Ralph Cassar issuġġerixxa li ssir xi tip ta' riċerka anki fuq l-internet. Is-Sur Marco Spiteri issuġġerixxa wkoll biex jaraw min kienu r-rebbieħa tas-snin ta' qabel biex ikollhom idea tal-proġetti rebbieħa. Is-Sinjorina Grech qalet li ser iżommu kuntatt mal-Kunsill.

Qabel m'għadda għat-tieni item fuq l-agenda, is-Sur Stefan Cordina feraħ lil Partit Laburista għar-rebħa elettorali li għamel. Qal ukoll li bħala Kunsill huma konnessi jaħdmu ma' kull Gvern u jinsab ċert li ser isib l-appoġġ mill-Ministru kkonċernat. mhu ser jinbidel xejn, iżda ser jibqa' għaddej ix-xogħol bl-istess proċess ta' rutina. Awgura wkoll lil Dr Edward Zammit Lewis tal-kariga l-ġdida tiegħu u rringrazzjah tas-servizzi li offra matul is-snin lil komunita' ta' Ħ'Attard kif ukoll lill-Kunsill. Feraħ ukoll lis-Sur Alfred Zammit bħala missier Dr Zammit Lewis. Dr Herbert Messina Ferrante issekonda lis-Sur Stefan Cordina.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**
   Approvati

2. **PREŻENTAZZJONI TA' PROĠETT MILL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, Ħ'ATTARD**
   Dan l-item ġie diskuss.

3. **KORRISPONDENZA**
   Email mingħand Fr Noel Borg, Viċi Kappillan, fejn saret talba għal assistenza sabiex tingħalaq it-triq u tabelli ta' No Parking biex isiru ir-rehearsals u play. Is-Sur Stefan Cordina issuġġerixxa li jiġu mqabbda żewġ Pulizija/Wardens għas-sigurta' ta' min ser ikun preżenti minħabba li t-toroq li ser jintużaw jaqgħu taħt il-konfini tal-Kunsill. Kulħadd qabel.

   Email mingħand l-iScouts Group fejn talbu suġġeriment fejn jista' jsir Community Work min-naħa tagħhom. Is-Sur Stefan Cordina qal li jistgħu ikunu ġonna kif ukoll partijiet oħra pubbliċi. Is-Sur John P Bonnici issuġġerixxa li dan ix-xogħol isir f'Wied Irmiedi minħabba li dan il-Wied għandu bżonn tindifa. Is-Sur Stefan Cordina ġibed l-attenzjoni li dawn ser ikunu tfal żgħar u jista' jkun ta' periklu avolja ser ikun hemm min jagħmel superviżjoni. Is-Sur John P Bonnici qal li fih ħafna affarijiet milli jarmu n-nies. Is-Sinjorina Yanica Calleja qalet li fit-talba tagħhom huma semmew li jipreferu li jkun Ġnien. Is-Sur Stefan Cordina kompla billi qal li l-Kunsill jipprovdi xi boroż suwed u ngwanti. Is-Sur Ralph Cassar qal li l-ġonna mhumiex maħmuġin ħafna imma jista' jiġi magħżul wieħed minnhom.

4. **GIEĦ Ħ'ATTARD *UPDATE***

   Is-Sur Remigio Bartolo, wara li spjega x'kien ġie diskuss waqt il-laqgħat preċedenti lil Dr Herbert Messina Ferranti, kompla jgħid li Joseph Calleja aċċetta l-proposta u qed jistenna mingħand is-Sur Anton Attard meta s-Sur Calleja hu disponibbli sabiex ikun preżenti waqt din is-serata. Is-Sur Stefan Cordina qal li meta jkollna d-data mingħand is-Sur Attard jiġi mfassal il-programm. Is-Sur Alfred Zammit qal li mportanti li meta ssir is-serata is-Sur Calleja jkun preżenti. Kulħadd qabel. Is-Sur Remigio Bartolo qal li hemm bżonn naraw x'ħa jsir waqt is-serata minħabba li meta tkellmu ma' Claire Baluci u għamlu kuntatt mal-Manager tagħha, u ġew infurmati li l-ammont dovut ikun dak ta' €30,000. Il-Kunsill kollu qabel li dik is-somma hi kbira ħafna, u li jsir programm ieħor u jiġi mfassal meta tiġi proposta data min-naħa ta' Joseph Calleja.

## 3. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Isir rapport bil-għajnuna tal-Perit Dieter Falzon sabiex jiġi preżentat lil MEPA b'oġġezzjonijiet għal bini ta' ċimiterju fi Triq l-Imdina. Dan irid isir sat-12 t'April 2013. Is-Sur Ralph Cassar qal li hemm bżonn li noġġezzjonaw sabiex ma jkunx hemm lok għal aktar żvilupp. Dr Herbert Messina Ferrante qal li ma jaqbilx mal-proġett u jridu jsiru punti li huma validi. Is-Sur Ralph Cassar qal li hemm diversi punti bħal li ma ssemmiex fil-Local Plan, m'hemmx informazzjoni jekk din l-area hix ODZ u taħt liema klassifikazzjoni taqa'. Is-Sur Ralph Cassar kompla jgħid li hu jaħseb li l-Kunsill għandu joġġezzjona għal proġett kollu u li l-Perit għandu jagħmel ittra b'lingwaċ tekniku u jitniżżlu punti għalfejn qed issir din l-oġġezzjoni. Is-Sur Raymond Azzopardi saħaq biex ma tkomplix tinqered il-kampanja. Is-Sur Ralph Cassar qabel u qal li l-perit għandu jniżżel kollox b'mod professjonali u skond il-policies tal-MEPA. Is-Sur John P Bonnici qal li ser tiġi affettwata wkoll l-indafa u l-ambjent. Is-Sur Stefan Cordina qal li fl-aħħar laqgħa meta kienu preżenti rappreżentanti ta' dan il-proġett qalu li kollox ser jiġi depożitat taħt l-art ġo tank biex ma jinfirixx. Is-Sur John P Bonnici qal li xorta waħda jaffettwa u li n-nies tal-area għadhom ibagħtu l-konsegwenzi ta rwejjah ta' drenaġġ li ġejja mill-Imtarfa.Fl-aħħarnett kulħadd qabel li ssir oġġezzjoni.
- Triq il-Ġonna tiġi mniżżla mal-lista tat-toroq li jridu jsiru bit-tarmac. Is-Sur Stefan Cordina spjega li dik it-triq qegħda mniżżla fil-lista u għadha ma saritx minnħabba li qed tkun diffiċli biex issib hot tarmac bħalissa.
- Fiex wasal il-proġett ta' Ġnien l-Istazzjon. Is-Sur Cordina spjega li ser jiġi ffirmat il-kuntratt għada u minn hemm jiġi nfurmat il-kuntrattur.
- Saret laqgħa mal-Perit Edward Said rigward l-embankment. Għandu jagħmel xi proposals sabiex isir ir-restawr ħalli meta jkun hemm xi fondi nkunu nistgħu napplikaw għalihom mall-ewwel.
- Jitranġaw il-knaten taċ-ċint fi Qrib Sant'Anton

Is-Sur Marco Spiteri ħalla l-kamra. (5.45pm)

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Ma tibqax tinqered il-kampanja b'xi kostruzzjonijiet goffi. Hu qal li l-unika arja naturali li baqa' hi limitata u jenħtieġ li nibżgħu ħafna għaliha għal raġunijiet ta' saħħa.
- Jaqbel li jsir il-proġett kbir tal-panelli imma mhux għad-dannu tal-kampanja li minflok, tibda tgħammex u tweġġa' l-għajnejn, i.e. issir 'eyesore'. Is-Sur Stefan Cordina qal li jekk ser jitkellmu fuq il-barriera hu ser iħalli lir-residenti liberi sabiex jekk iridu joġġezzjonaw, jagħmlu dan min-naħa tagħhom. Is-Sur Ralph Cassar qal li hu m'għandux oġġezzjoni. Is-Sur Stefan Cordina qal li dan il-proġett għadu ser issir l-applikazzjoni għalih u li għad m'hemm xejn konfermat. Wara diskussjoni fit-tul ġie konkluż li s-Sinjorina Yanica Calleja għandha tiċċekkja meta ser issir l-applikazzjoni u jekk ikun hemm bżonn ta' xi endorsement min-naħa tas-Sindku, ikun hemm ċertu limitations.
- Ma jkunx hemm barrieri qrib il-bini u qrib il-wied li hu wirt patrimonju. Il-barriera preżenti terġa' tkun konvertita għall-istat oriġinali naturali tagħha jew fejn tista', tintuża bħala raba' agrikola. Ġie preżentat ukoll ritratt mis-satellita tal-isfreġju ambjentali.
- Hemm bżonn li niġbdu l-attenzjoni konċernata lill-MEPA u lit-taqsima tas-Saħħa Ambjentali dwar l-assessjar tal-impatt ambjentali u s-saħħa tar-residenti qrib il-barriera. Fakkar li ħafna mill-barrieri f'Malta qed jieqfu milli joperaw.
- Hemm bżonn li nibżgħu għas-siġar. Fi Triq Ħal Warda il-konki tas-siġar jerġgħu jitwessgħu għad-daqs li kienu riċenti qabel ma ġew miksija bil-konkos. Is-Sur Cordina

qal li dawk saru hemm minħabba li r-residenti ma jkunux jistgħu jgħaddu bil-push chairs.

- Fi Ġnien il-Palma jinħtieġ 'fence' minħabba t-tfal li jidħlu jballtu fuq il-ħamrija fejn jistgħu jweġġgħu jew jagħmlu ħsara. Is-Sur Cordina qal li ser jara x'jista' jsir u x'hemm spejjeż pero kulħadd għandu jieħu ħsieb it-tfal tiegħu.
- Jitħawwlu siġar indiġeni fejn hemm post.

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Fiex wasal ix-xogħol tat-tarmac tal-Housing Estate u x-xogħol ta' kurduni.
- It-tarmac irid isir sewwa, l-ewwel isir l-iscarifying. Is-Sur Cordina qal li x-xogħol isir skond it-tender u l-istandards ta' kif iridu jsiru t-toroq.
- Żewġ ħofriet fi Triq il-Marġ li jridu jitranġaw.
- Fiex wasal il-proġett ta' Ġnien Ħal Warda. Is-Sur Cordina qal li għaddej il-proċess u saret applikazzjoni għal compliance certificate.
- Jitħassar il-parking fi Triq San Anton qrib il-Kitchen Garden. Is-Sur Cordina qal li dawk kienu saru min-naħa tal-uffiċċju tal-President u hemm kollox approvat. Is-Sur Cordina qal ukoll li hemm trid issir residents parking scheme u kien diġa' tkellem mal-President personali u wera x-xewqa li ma jitnaqqasx il-parking.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Parking lights fil-parking area ta' fejn il-Corinthia

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Isiru follow ups bit-telephone mhux bl-emails. Is-Sur Cordina qal li jekk iċċempel jitolbuk tgħaddi l-ilment bis-sistema.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Niċċekkjaw jekk Joe Gauci xtarax l-apparat sabiex niproċedu bid-deċiżjoni finali tat-tender. Is-Sur Borg qal li kkuntatja lil Joe Gauci u għandu jmur jiltaqa' miegħu fil-ġranet li ġejjin.

Dr Herbert Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Talab rapport/survey ta' kemm jgħaddu karozzi minn Triq in-Nutar Zarb. Is-Sur Gerald Borg qabel li jintalab minn Transport Malta.

**4. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.30pm

________________________ Sindku

____________________ Data